# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**
**ONOR. IMĦALLEF IAN SPITERI BAILEY**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 1113/23/1 DC**

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1583/2023 fl-ismijiet:

**Bernhard Trattnig debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avukat Sarah Sultana**

**v.**

**Mr. Green Limited (C-43260)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar talba magħmula mill-appellant Bernard Trattnig sabiex din il-Qorti tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [QĠUE].

**Daħla**.

2. L**-appellant Bernhard Trattnig rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Av. Dr. Sarah Sultana [l-Appellant],** talab b'rikors lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex toħroġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra **s-soċjetà appellata Mr Green Limited [l-Appellata jew is-Soċjetà Appellata]** fejn bħala titolu eżekuttiv invoka sentenza mogħtija mill-Qorti fl-Awstrija. Mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv l-appellant annetta kopji awtentikati tas-sentenza msemmija kif ukoll ic-Ċertifikat Annex 1 maħruġ mill-Qorti Awstrijaka *ai termini* tal-Artikolu 53 tar-**Regolament Ewropew numru 1215/2012** (**Brussels I Recast**).

3. Il-Qorti Ċivili Prim'Awla <u>caħdet ir-rikors </u>b'digriet tad-19 ta' Lulju, 2023 fejn invokat <u>Artikolu 56A tal-Kap. 583.</u> Talba mill-appellant sabiex il-qorti tirrikunsidra d-deċiżjoni tagħha ġiet miċħuda b'digriet 26 ta' Lulju, 2023.

4. L-appellant għadda sabiex jippreżenta rikors ieħor għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Din id-darba t-talba ġiet milqugħha u l-Qorti Ċivili Prim'Awla diversament presjeduta ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1583/2023.

5. B'rikors tat-<u>28 ta' Settembru, 2023</u> is-soċjetà appellata talbet lill-Ewwel Qorti sabiex għar-raġunijiet hemm mogħtija (1) provviżorjament tordna li ma jsir l-ebda żbank ta' flejjes depożitati b'riżultat tal-mandat impunjat u (2) *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tħassar l-imsemmi att eżekuttiv.

6. B'risposta l-appellant, għar-raġunijiet hemm mogħtija, oppona t-talba għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

7. Fis-seduta tas-<u>17 ta' Ottubru, 2023</u> l-Ewwel Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ħalliet ir-rikors għad-digriet għas-26 ta' Ottubru, 2023.

8. B'digriet tas-<u>26 ta' Ottubru, 2023</u> l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv kif mitlub wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "Illi r-rikorrenti odjerna (is-sekwestrata) tikkontendi li d-deċiżjoni permezz ta' liema l-ewwel talba għall-ħruġ tal-mandat ġiet miċħuda hija waħda finali u fin-nuqqas ta' ċirkostanzi ġodda ma tistax terġa ssir talba għall-ħruġ ta' mandat. Ir-rikorrenti odjerna tallega ukoll li s-sekwestranti aġġixxiet b'mod żleali u abbużiv meta fit-tieni talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat ma infurmatx lill-qorti bit-talba preċedenti tagħha li ġiet miċħuda.
>
> Illi l-intimata odjerna (is-sekwetranti) da parti tagħha, fil-waqt li tispjega f'ċertu dettal għaliex fil-fehma tagħha il-Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-ewwel talba għall-hruġ tal-mandat u ħolqot inċertezza kbira bid-deċiżjoni tagħha, tissottometti li d-degriet tad-19 ta' Lulju 2023 (u dak tas-26 ta' Lulju 2023) ma joħolqx ġudikat u la darba, dejjem fil-fehma ta'l-intimata, fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda

dispożizzjoni li tipprjobixxi ir-riproponiment ta' talba għal ħruġ ta' mandat eżekuttiv, ir-riproponiment da parti tagħha tat-talba għall-ħruġ ta' mandat mhiex abbużiva. L-intimata tallega ukoll li rinfaċċjata bid-degrieti tad-19 ta' Lulju 2023 u tas-26 ta' Lulju 2023 m'għandha l-ebda rimedju ieħor permezz ta' liema tista' tottjeni l-ezekuzzjoni tat-titolu tagħha ghajr għar-riproponiment tat-talba għall-ħruġ tal-mandat.

Ikkunsidrat

Illi dan premess għandu jiġi rilevat li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti fil-proċeduri odjerni li tissindika il-validita o meno tad-degrieti mgħotija u permezz ta' liema ġiet miċħuda l-ewwel talba ta'l-intimata sekwestranti għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv; dik hija kwistjoni li għandha tiġi trattata f'sede oħra.

Illi dak li tista' u għanda tikkunsidra din il-Qorti huwa jekk l-intimata sekwestranti setgħetx titlob, għat-tieni darba u mingħajr ebda bdil fiċ-ċirkostanzi, il-ħruġ ta' mandat eżekuttiv wara li talba identika ġiet miċħuda.

Illi l-argumenti imressqa fir-rigward mill-partijiet gia ġew trattati quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta f'każijiet identiċi għal dak odjern.

-omissis-

Illi anke fil-każ in eżami l-ewwel talba għall-ħruġ ta' mandat ġiet miċħuda għal raġunijiet sostantivi, konsegwentment l-intimata sekwestranti kellha tirrikorri għal rimedji oħra u mhux terġa tipproponi t-talba tagħha għal ħruġ ta' mandat mingħajr ma titlob it-tħassir tad-degriet li hi qed tikkontesta.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru 1575/2023 fl-ismijiet Jurgen Eisenbarth [Passaport Awstrijakk Numru U2564704] debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana v Mr Green Limited (C43260) u konsegwentement tordna l-ħruġ tal-kontromandat relattiv, dan mingħajr preġudizzju għal kull jedd spettanti lill-intimata nomine skond il-liġi."

9. B'rikors tal-appell intavolat fl-1 ta' Novembru, 2023 l-appellant, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jitlob lil din il-Qorti, "tirrevoka u tħassar id-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2023 mogħti fir-rikors numru 1113/2023 fl-ismijiet fuq premessi li bih irrevokat il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1583/2023, billi tiddikjara illi ma

jissussistux ir-rekwiżiti mitluba mill-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1583/2023 u konsegwentement tiċħad it-talba għar-revoka tal-mandat tas-soċjetà appellata….".

10. Fl-20 ta' Novenmbru 2023 l-appellata ppreżentat risposta għall-appell fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija qed titlob li l-appell għandu jkun miċħud.

11. Rat li fl-14 ta' Novembru, 2023 l-appellant ippreżenta rikors li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab is-sospensjoni provviżorja tas-smigħ ta' dan l-appell u sabiex din il-Qorti tagħmel rinviju lill-QĠUE għal deċiżjoni preliminari. Fl-istess rikors l-appellant elenka abbozz ta' erba' (4) mistoqsijiet li qed jipproponi li jkunu mibgħuta lill-QĠUE. L-appellant qed jitlob illi qabel din il-Qorti tiddeċiedi l-appell, tikkunsidra d-dritt tiegħu li joħroġ mit-Trattat illi Jirregola l-Funzjonamenti tal-Unjoni Ewropea (TFEU) sabiex "ssir kjarfika fuq livell Ewropew dwar il-portata eżatta tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja (EU) Numru 1215/2012" dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, meta dan għandu effett dirett fuq il-mod dwar kif il-Qrati ta' Kull Stat Membru fuq livell domestiku għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fil-materja speċifika tal-

eżegwibilità ta' sentenzi illi jkunu ġew debitament deċiżi u li jkunu definittivi f'kuntest ta' dak illi jiddetta r-Regolament.

12. Għalhekk l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tagħmel **rinviju lill-QĠUE (*Reference for a Preliminary Ruling*)** b'dawn il-mistoqsijiet li l-istess appellant qed jipproponi:

i) Ir-Regolament tal-UE nru 1215/2012 tat-12 ta' Diċembru, 2012 jagħti l-poter lil Awtoritajiet Eżekuttivi, Leġislattivi u/jew Ġudizzjarji ta' kull Stat Membru, sabiex bi kwalunkwe azzjoni, liġi jew deċiżjoni jwaqqfu l-infurzabilità ta' dawn is-sentenzi [mogħtija fi Stat Membru ieħor] billi jirrifjutaw li japplikaw u/jew iwaqqfu l-applikazzjoni tal-istess Regolament? Isegwu żewġ domandi alternativi skont jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hiex fl-affermattiv jew fin-negattiv.

ii) Huwa ġust u pależament korrett fil-kuntest tar-Regolament EU 1215/2012 illi jiġi dikjarat u kkonfermat fuq livell Ewropew illi tali Regolament *ai termini* tal-provvedimenti Artikolu 45 (1) (a) u Artikolu 46, il-kwistjoni tal-ordni pubbliku li fuqha l-Istat Membru jista' jinvoka bi protezzjoni għalih l-inapplikabilità tal-effett dirett tar-Regolament inkwistjoni, trid tkun kwistjoni ta' ordni pubblika eżistenti u ġia u b'mod anteċedenti għall-ħruġ jew għall-applikablità legali tal-istess Unjoni Ewropea? U jekk le, kull Stat Membru huwa liberu illi jikrea barrieri

legali ġodda sabiex ikun jista' jintlibes fil-protezzjoni tal-ordni pubbliku *ai termini* tal-Artikolu 45 (1) (a) tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea (EU) nru 1215/2012?

iii) L-ordni pubbliku li għalih jagħmel referenza l-Artikolu 45 (1) (a) tar-Regolament EU 1215/2012, x'inhi eżattament u korrettement id-definizzjoni mogħtija għalih fil-kuntest u/jew f'livell komunitarju? Isegwu tliet domandi supplimentari skont ir-risposta għad-domanda numru 3.

iv) Korrett jingħad illi Artikolu 36 (2) tal-Regolament EU 1215/2012 ma jagħmilix obbligatorja l-proċedura hemm kontemplata qabel ma jittieħdu miżuri ta' enforzar f'kull Stat Membru illi għalih japplika? U li ma hux applikabbli wara li tkun ittieħdet miżura ta' enforzar tas-sentenza estera?

13. L-appellata qed topponi t-talba għal rinviju.

14. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2023 l-avukati tal-partijiet ittrattaw ir-rikors tal-appellant tal-14 ta' Novembru 2023 li tħalla għal-lum għall-provvediment.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

15. Kif rajna l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti illi qabel tisma' l-appell tiegħu tagħmel rinvinju lill-QĠUE għall-deċiżjoni preliminari dwar numru ta' mistoqsijiet li qed jipproponi; talba opposta mill-appellata.

16. **Artikolu 267 (ex Artikolu 234 TKE[1] - Article 177 - EC Treaty (Maastricht verżjoni konsolidata)) tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)** jipprovdi illi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha jkollha l-kompetenza li tagħti sentenzi preliminari dwar: a) l-interpretazzjoni tat-Trattati; b) il-validità u l-interpretazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni; Meta l-kwistjoni titqajjem quddiem xi qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru, dik il-Qorti jew tribunal jistgħu, jekk ikun jidhrilhom li deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni tkun meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza, jitolbu lill-Qorti sabiex tagħti deċiżjoni dwarha. Meta l-kwistjoni titqajjem f'każ pendenti quddiem xi qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra d-deċiżjonijiet tiegħu ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal, għandhom jirriferu l-kwistjoni lill-Qorti. Jekk din il-kwistjoni titressaq f'każ pendenti quddiem ġurisdizzjoni ta' Stat Membru fir-rigward

[1] Tratt tal-Komunità Ewropea.

ta' persuna miżmuma f'kustodja, il-Qorti għandha taġixxi mill-aktar fis possibbli.

Ir-Rekwiżiti għar-Rinvinju minn Qorti Nazzjonali lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għal Deċiżjoni Preliminari [QĠUE] [2]

17. Wieħed mill-kompetenzi tal-QĠUE huwa li tagħti deċiżjonijiet imsejħa preliminari wara li qorti nazzjonali ta' stat membru tagħmel rinviju lilha b'domandi rigward l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil xi liġi Ewropea partikolari. Għal dan il-għan il-QĠUE taħdem b'kollaborazzjoni mal-qrati kollha tal-Istati Membri bħala l-qrati tad-dritt tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva u uniformi tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tiġi evitata kull interpretazzjoni diverġenti.

18. Il-qrati nazzjonali jistgħu jagħmlu rinviju lill-QĠUE sabiex jitolbu preċiżazzjoni fuq punt ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jekk tali interpretazzjoni hija meħtieġa sabiex il-każ jiġi deċiż fil-mertu. Fil-każ ta' qorti nazzjonali li mid-deċiżjoni tagħha ma hemmx rimedju skont id-dritt nazzjonali, tali qorti hija marbuta li tagħmel rinviju lill-QĠUE. Applikabbli kif ser naraw aktar 'l isfel fil-każ CILFIT żewġ eċċezzjonijiet, tal-ewwel b'applikazzjoni tal-massima legali "clara non sunt interpretanda" imsejħa d-dottrina *acte clair* fejn jitqies li ma hemmx obbligu ta' rinviju jekk il-qorti

[2] Preżentazzjoni dwar il-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq is-sit elettroniku tal-istess qorti: https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2_7024/mt/.

nazzjonali tqis illi l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni hi tant ovvja li ma tagħti lok għall-ebda dubju; u t-tieni d-dottrina *acte eclaire* fejn jitqies illi ma hemmx obbligu ta' rinvinju jekk jirriżulta illi l-interpretazzjoni meħtieġa tal-liġi tal-Unjoni kienet diġà ngħatat f'referenza preliminari preċedenti f'każ ieħor simili.

19. Rinviju lill-QĠUE jista' jsir sew sabiex tintalab interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni kif ukoll sabiex qorti nazzjonali titlob verifika jekk liġi nazzjonali hiex konformi mad-dritt Ewropew. Il-mistoqsija għal deċiżjoni preliminari tista' wkoll tirrigwarda l-verifika tal-legalità ta' att tad-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tirrispondix permezz ta' sempliċi opinjoni, iżda permezz ta' sentenza jew ta' digriet motivat.

20. Il-qorti nazzjonali, li hija d-destinatarja ta' dik is-sentenza tal-QĠUE wara rinviju, hija marbuta bl-interpretazzjoni mogħtija mill-QĠUE meta tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Is-sentenza tal-QĠUE torbot lill-qrati nazzjonali l-oħra kollha fl-Istati Membri kollha li jintalbu jiddeċiedu fuq xi kwistjoni identika.

21. Bil-ġurisprudenza tagħha, il-QĠUE żviluppat l-obbligu li għandhom l-awtoritajiet nazzjonali u b'mod partikolari l-qrati nazzjonali li japplikaw b'mod komplet id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Stabbilit ukoll illi l-jeddijiet mogħtija mil-Liġi Ewropea liċ-ċittadini għandhom applikazzjoni diretta fl-

Istati Membri filwaqt li qieset illi liġi nazzjonali li tmur kontra l-liġi ewropea ma għandix tiġi enforzata fl-Istati Membri.

22. Il-QĠUE żviluppat ġurisprudenza li hija ta' gwida għall-qrati nazzjonali meta rinfaċċjati b'każijiet fejn mhux dejjem huwa ċar jekk hemmx ħtieġa li jsir rinviju. Il-każ ċelebri dwar din il-materja hija s-sentenza **Srl CILFIT and Lanificio di Gavardo SpA v Ministry of Health [CILFIT]**[3] mogħtija mill-QĠUE fis-6 ta' Ottubru, 1982 wara rinviju lilha magħmul mill-*Corte Suprema di Cassazione* tal-Italja fejn staqsiet dwar meta hemm l-obbligu ta' qorti nazzjonali li tagħmel rinvinju. Ingħad hekk f'dik is-sentenza tal-QĠUE:

> *"5 IN ORDER TO ANSWER THAT QUESTION IT IS NECESSARY TO TAKE ACCOUNT OF THE SYSTEM ESTABLISHED BY ARTICLE 177, WHICH CONFERS JURISDICTION ON THE COURT OF JUSTICE TO GIVE PRELIMINARY RULINGS ON, INTER ALIA, THE INTERPRETATION OF THE TREATY AND THE MEASURES ADOPTED BY THE INSTITUTIONS OF THE COMMUNITY.*
>
> *6 THE SECOND PARAGRAPH OF THAT ARTICLE PROVIDES THAT ANY COURT OR TRIBUNAL OF A MEMBER STATE MAY, IF IT CONSIDERS THAT A DECISION ON A QUESTION OF INTERPRETATION IS NECESSARY TO ENABLE IT TO GIVE JUDGMENT, REQUEST THE COURT OF JUSTICE TO GIVE A RULING THEREON. THE THIRD PARAGRAPH OF THAT ARTICLE PROVIDES THAT, WHERE A QUESTION OF INTERPRETATION IS RAISED IN A CASE PENDING BEFORE A COURT OR TRIBUNAL OF A MEMBER STATE AGAINST WHOSE DECISIONS THERE IS NO JUDICIAL REMEDY UNDER NATIONAL LAW, THAT COURT OR TRIBUNAL SHALL, BRING THE MATTER BEFORE THE COURT OF JUSTICE.*
>
> *7 THAT OBLIGATION TO REFER A MATTER TO THE COURT OF JUSTICE IS BASED ON COOPERATION, ESTABLISHED WITH A VIEW TO ENSURING THE PROPER APPLICATION AND UNIFORM INTERPRETATION OF COMMUNITY LAW IN ALL THE MEMBER*

[3] Case no. 283/81 - Dok. Ref. no. Document 61981CJ0283.

*STATES, BETWEEN NATIONAL COURTS, IN THEIR CAPACITY AS COURTS RESPONSIBLE FOR THE APPLICATION OF COMMUNITY LAW, AND THE COURT OF JUSTICE. MORE PARTICULARLY, THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177 SEEKS TO PREVENT THE OCCURRENCE WITHIN THE COMMUNITY OF DIVERGENCES IN JUDICIAL DECISIONS ON QUESTIONS OF COMMUNITY LAW. THE SCOPE OF THAT OBLIGATION MUST THEREFORE BE ASSESSED, IN VIEW OF THOSE OBJECTIVES, BY REFERENCE TO THE POWERS OF THE NATIONAL COURTS, ON THE ONE HAND, AND THOSE OF THE COURT OF JUSTICE, ON THE OTHER, WHERE SUCH A QUESTION OF INTERPRETATION IS RAISED WITHIN THE MEANING OF ARTICLE 177.*

*8 IN THIS CONNECTION, IT IS NECESSARY TO DEFINE THE MEANING FOR THE PURPOSES OF COMMUNITY LAW OF THE EXPRESSION ' ' WHERE ANY SUCH QUESTION IS RAISED ' ' IN ORDER TO DETERMINE THE CIRCUMSTANCES IN WHICH A NATIONAL COURT OR TRIBUNAL AGAINST WHOSE DECISIONS THERE IS NO JUDICIAL REMEDY UNDER NATIONAL LAW IS OBLIGED TO BRING A MATTER BEFORE THE COURT OF JUSTICE.*
*9 IN THIS REGARD, IT MUST IN THE FIRST PLACE BE POINTED OUT THAT ARTICLE 177 DOES NOT CONSTITUTE A MEANS OF REDRESS AVAILABLE TO THE PARTIES TO A CASE PENDING BEFORE A NATIONAL COURT OR TRIBUNAL. THEREFORE THE MERE FACT THAT A PARTY CONTENDS THAT THE DISPUTE GIVES RISE TO A QUESTION CONCERNING THE INTERPRETATION OF COMMUNITY LAW DOES NOT MEAN THAT THE COURT OR TRIBUNAL CONCERNED IS COMPELLED TO CONSIDER THAT A QUESTION HAS BEEN RAISED WITHIN THE MEANING OF ARTICLE 177. ON THE OTHER HAND, A NATIONAL COURT OR TRIBUNAL MAY, IN AN APPROPRIATE CASE, REFER A MATTER TO THE COURT OF JUSTICE OF ITS OWN MOTION.*

*10 SECONDLY, IT FOLLOWS FROM THE RELATIONSHIP BETWEEN THE SECOND AND THIRD PARAGRAPHS OF ARTICLE 177 THAT THE COURTS OR TRIBUNALS REFERRED TO IN THE THIRD PARAGRAPH HAVE THE SAME DISCRETION AS ANY OTHER NATIONAL COURT OR TRIBUNAL TO ASCERTAIN WHETHER A DECISION ON A QUESTION OF COMMUNITY LAW IS NECESSARY TO ENABLE THEM TO GIVE JUDGMENT. ACCORDINGLY, THOSE COURTS OR TRIBUNALS ARE NOT OBLIGED TO REFER TO THE COURT OF JUSTICE A QUESTION CONCERNING THE INTERPRETATION OF COMMUNITY LAW RAISED BEFORE THEM IF THAT QUESTION IS NOT RELEVANT, THAT IS TO SAY, IF THE ANSWER TO THAT QUESTION, REGARDLESS OF WHAT IT MAY BE, CAN IN NO WAY AFFECT THE OUTCOME OF THE CASE.*

*11 IF, HOWEVER, THOSE COURTS OR TRIBUNALS CONSIDER THAT RECOURSE TO COMMUNITY LAW IS NECESSARY TO ENABLE THEM TO DECIDE A CASE, ARTICLE 177 IMPOSES AN OBLIGATION ON THEM TO REFER TO THE COURT OF JUSTICE ANY QUESTION OF INTERPRETATION WHICH MAY ARISE.*

*12 THE QUESTION SUBMITTED BY THE CORTE DI CASSAZIONE SEEKS TO ASCERTAIN WHETHER, IN CERTAIN CIRCUMSTANCES, THE OBLIGATION LAID DOWN BY THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177 MIGHT NONE THE LESS BE SUBJECT TO CERTAIN RESTRICTIONS.*

*13 IT MUST BE REMEMBERED IN THIS CONNECTION THAT IN ITS JUDGMENT OF 27 MARCH 1963 IN JOINED CASES 28 TO 30/62 ( DA COSTA V NEDERLANDSE BELASTINGADMINISTRATIE ( 1963 ) ECR 31 ) THE COURT RULED THAT : ' ' ALTHOUGH THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177 UNRESERVEDLY REQUIRES COURTS OR TRIBUNALS OF A MEMBER STATE AGAINST WHOSE DECISIONS THERE IS NO JUDICIAL REMEDY UNDER NATIONAL LAW . . . TO REFER TO THE COURT EVERY QUESTION OF INTERPRETATION RAISED BEFORE THEM , THE AUTHORITY OF AN INTERPRETATION UNDER ARTICLE 177 ALREADY GIVEN BY THE COURT MAY DEPRIVE THE OBLIGATION OF ITS PURPOSE AND THUS EMPTY IT OF ITS SUBSTANCE . SUCH IS THE CASE ESPECIALLY WHEN THE QUESTION RAISED IS MATERIALLY IDENTICAL WITH A QUESTION WHICH HAS ALREADY BEEN THE SUBJECT OF A PRELIMINARY RULING IN A SIMILAR CASE. ' '*

*14 THE SAME EFFECT, AS REGARDS THE LIMITS SET TO THE OBLIGATION LAID DOWN BY THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177, MAY BE PRODUCED WHERE PREVIOUS DECISIONS OF THE COURT HAVE ALREADY DEALT WITH THE POINT OF LAW IN QUESTION, IRRESPECTIVE OF THE NATURE OF THE PROCEEDINGS WHICH LED TO THOSE DECISIONS, EVEN THOUGH THE QUESTIONS AT ISSUE ARE NOT STRICTLY IDENTICAL.*

*15 HOWEVER, IT MUST NOT BE FORGOTTEN THAT IN ALL SUCH CIRCUMSTANCES NATIONAL COURTS AND TRIBUNALS, INCLUDING THOSE REFERRED TO IN THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177, REMAIN ENTIRELY AT LIBERTY TO BRING A MATTER BEFORE THE COURT OF JUSTICE IF THEY CONSIDER IT APPROPRIATE TO DO SO.*

*16 FINALLY, THE CORRECT APPLICATION OF COMMUNITY LAW MAY BE SO OBVIOUS AS TO LEAVE NO SCOPE FOR ANY REASONABLE DOUBT AS TO THE MANNER IN WHICH THE QUESTION RAISED IS TO BE RESOLVED. BEFORE IT COMES TO THE CONCLUSION THAT SUCH IS THE CASE, THE NATIONAL COURT OR TRIBUNAL MUST BE CONVINCED THAT THE MATTER*

*IS EQUALLY OBVIOUS TO THE COURTS OF THE OTHER MEMBER STATES AND TO THE COURT OF JUSTICE. ONLY IF THOSE CONDITIONS ARE SATISFIED, MAY THE NATIONAL COURT OR TRIBUNAL REFRAIN FROM SUBMITTING THE QUESTION TO THE COURT OF JUSTICE AND TAKE UPON ITSELF THE RESPONSIBILITY FOR* RESOLVING IT.

[…]

*21 IN THE LIGHT OF ALL THOSE CONSIDERATIONS , THE ANSWER TO THE QUESTION SUBMITTED BY THE CORTE SUPREMA DI CASSAZIONE MUST BE THAT THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177 OF THE EEC TREATY IS TO BE INTERPRETED AS MEANING THAT A COURT OR TRIBUNAL AGAINST WHOSE DECISIONS THERE IS NO JUDICIAL REMEDY UNDER NATIONAL LAW IS REQUIRED , WHERE A QUESTION OF COMMUNITY LAW IS RAISED BEFORE IT , TO COMPLY WITH ITS OBLIGATION TO BRING THE MATTER BEFORE THE COURT OF JUSTICE , UNLESS IT HAS ESTABLISHED THAT THE QUESTION RAISED IS IRRELEVANT OR THAT THE COMMUNITY PROVISION IN QUESTION HAS ALREADY BEEN INTERPRETED BY THE COURT OR THAT THE CORRECT APPLICATION OF COMMUNITY LAW IS SO OBVIOUS AS TO LEAVE NO SCOPE FOR ANY REASONABLE DOUBT . THE EXISTENCE OF SUCH A POSSIBILITY MUST BE ASSESSED IN THE LIGHT OF THE SPECIFIC CHARACTERISTICS OF COMMUNITY LAW, THE PARTICULAR DIFFICULTIES TO WHICH ITS INTERPRETATION GIVES RISE AND THE RISK OF DIVERGENCES IN JUDICIAL DECISIONS WITHIN THE COMMUNITY".*

23. Fis-sentenza **Georgiou v. Greece** mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fl-14 ta' Marzu, 2023 dwar ilment taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, referibbli għal ċaħda mill-Qorti ta' Kassazzjoni Grieg sabiex tagħmel rinviju lill-QĠUE mingħajr ma tat raġunijiet għal dik iċ-ċaħda, il-QEDB iddikjarat illi meta qorti nazzjonali tirrifjuta talba sabiex isir rinviju lill-QĠUE għandha tagħti r-raġunijiet tagħha għal dak ir-rifjut għaliex fin-nuqqas iseħħ ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

*"The Court's assessment*

*22. Concerning the general principles governing the application of Article 6 of the Convention in cases raising similar issues to those which fall to be addressed in the present case, the Court refers to its relevant case-law on the subject (see, in particular, Dhahbi v. Italy, no. 17120/09, § 31, 8 April 2014, Baydar, cited above, §§ 41-44, and Bio Farmland Betriebs S.R.L. v. Romania, no. 43639/17, §§ 48-51, 13 July 2021).*

*23. In the case of Vergauwen and Others v. Belgium ((dec.), no. 4832/04, §§ 89-90, 10 April 2012), the Court established the following principles:*

*- Article 6 § 1 imposes on the domestic courts an obligation to give reasons, in the light of the applicable law, for decisions by which they refuse to refer a question for a preliminary ruling;*

*- when an allegation of a violation of Article 6 § 1 is brought before the Court in that context, its task consists in ensuring that the contested decision refusing the reference was duly accompanied by such reasons;*

*- although it is for the Court to carry out this check rigorously, it is not for it to examine any errors that the domestic courts may have made in the interpretation or the application of the relevant law;*

*- in the specific context of Article 267 of the Treaty on the Functioning of the European Union (TFEU), this means that domestic courts against whose decisions there is no judicial remedy under domestic law are required to justify a refusal to refer a question to the CJEU for a preliminary ruling on the interpretation of EU law in the light of the exceptions provided for by the case-law of the CJEU. They must therefore state the reasons why they consider that the question is not relevant, or that the provision of EU law in question has already been interpreted by the CJEU, or even that the correct application of EU law is so obvious that it leaves no room for reasonable doubt.*

*24. In the present case, the applicant requested the Court of Cassation in his memorandum of 21 March 2018 to ask the CJEU to issue a preliminary ruling on the true intent of Principle 1.4 of the European Statistics Code of Practice. The decision of the Court of Cassation was not subject to any appeal under domestic law. The Court of Cassation was therefore under an obligation to give reasons for its refusal to ask the CJEU for a preliminary ruling".*

24. F'ċerti każijiet hija applikabbli 'l hekk imsejha "Urgent Preliminary Ruling Procedure" jew "The Expedited Procedure". Sabiex ikun sa fejn

possibbli assigurat illi fejn meħtieġ rinviji għal deċiżjoni preliminari jkunu deċiżi b'mod espedjenti **Artikolu 23A tal-Istatut tal-QĠUE** jipprovdi illi:

> "The Rules of Procedure may provide for an expedited or accelerated procedure and, for references for a preliminary ruling relating to the area of freedom, security and justice, an urgent procedure. Those procedures may provide, in respect of the submission of statements of case or written observations, for a shorter period than that provided for by Article 23, and, in derogation from the fourth paragraph of Article 20, for the case to be determined without a submission from the Advocate General. In addition, the urgent procedure may provide for restriction of the parties and other interested persons mentioned in Article 23, authorised to submit statements of case or written observations and, in cases of extreme urgency, for the written stage of the procedure to be omitted.'"

25. Il-proċeduri espediti jew aċċellerati ilhom stabbiliti mis-sena 2000 u regolati mill-Artikolu 105 *et seq* tar-*Rules of Procedure of the Court of Justice* fil-każ tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.[4]

26. Magħmula ħarsa ġenerali dwar il-jedd/obbligu tal-qrati nazzjonali tal-Istati Membri li jagħmlu rinviju lill-QĠUE b'domandi dwar l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, imiss issa naraw meta u taħt liema ċirkostanzi qorti nazzjonali għandha tikkonsidra li tagħmel rinvinju kif imsemmi.

27. L-<u>ewwel rekwiżit</u> sabiex qorti nazzjonali tikkunsidra li tagħmel rinviju huwa li l-qorti nazzjonali tqis li <u>sabiex tiddetermina l-vertenza li</u>

[4] Research and Domumentation Directorate tal-ECJ - Factsheet intitolat *URGENT PRELIMINARY RULING PROCEDURE AND EXPEDITED PROCEDURE* - https://curia.europa.eu/jcms/upload/docs/application/pdf/2019-10/tra-doc-en-div-c-0000-2019-201906086-05_00.pdf.

għandha quddiemha teħtieġ l-interpretazzjoni ta' waħda jew aktar mil-liġijiet tal-Unjoni. Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti tiddeċiedi l-ewwel u qabel kollox **jekk hemmx ħtieġa li jsir rinviju.** L-appellant jinsisti illi hemm tali ħtieġa, l-appellata ssostni li tali ħtieġa ma teżistix.

28. Il-ħtieġa ta' rinviju trid neċessarjament temani mill-mertu tal-appell li din il-Qorti għandha quddiemha.

29. Kif rajna l-appell odjern huwa minn provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti u moqri fil-miftuh fejn irrevokat mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ bis-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti fl-Awstrija.

30. Din il-Qorti fliet il-provvediment appellat kif ukoll l-appell imressaq minn tali provvediment li din il-Qorti għad trid tiddeċiedi dwaru fi stadju ulterjuri. Il-provvediment appellat huwa motivat billi l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka tal-mandat eżekuttiv wara li ċċitat ġurisprudenza li trattat talba simili u kkunsidrat illi:

> "L-ewwel talba għall-ħruġ ta' mandat ġiet miċħuda għal raġunijiet sostantivi, konsegwentement l-intimata sekwestranti kellha tirrikorri għal rimedji oħra u mhux terġa tipproponi t-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat mingħajr ma titlob it-tħassir tad-digriet li hi qed tikkontesta".

31. Huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti ħassret il-mandat eżekuttiv għal-raġunijiet lil hinn mit-titolu eżekuttiv partikolari vantat mill-appellant. Li trid tiddeċiedi din il-Qorti ta' sekond' istanza huwa jekk taqbilx mal-

motivazzjoni/jiet mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-akkoljiment tat-talba għar-revoka tal-mandat eżekuttiv. U ċjoè jekk persuna li t-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv tkun miċħuda għal raġunijiet sostantivi, hiex marbuta li qabel tipprova teżegwixxi t-titolu eżekuttiv li tippretendi li għandha, tridx qabel xejn tieħu passi ġudizzjarji sabiex id-digriet taċ-ċaħda jkun revokat jew ta' lanqas tavża lill-Qorti adita mit-tieni talba għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv biċ-ċaħda preċedenti minn Qorti diversament presjeduta.

32. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi fid-digriet appellat l-Ewwel Qorti ma speċifikatx x'kienu r-rimedji l-oħra li suppost messu eżerċita l-appellant. Tgħid illi l-Ewwel Qorti għamlet tagħha l-konsiderazzjonijet magħmula fi proċeduri b'mertu simili fejn inżamm illi ġugatur kellu jfittex rimedju taħt ir-Regolament UE 1215/2012 Artikolu 36 (2) minflok jintavola talba oħra għal mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Jgħid illi t-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv kienet imsejsa fuq il-pretensjoni tal-appellata illi d-digrieti taċ-ċaħda kienu definittivi u finali. Jgħid għalhekk illi l-Ewwel Qorti kellha tillimita ruħha għar-raġuni msemmija fir-rikors u mhux tmur oltre. Il-Qorti tqis illi sabiex tiddeċiedi dan l-aggravju ma hemm l-ebda ħtieġa ta' interpretazzjoni tal-liġi Ewropea.

33. Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi fir-rigward tar-rimedju għaliex skont l-appellant ma kellu l-ebda rimedju dwar l-ewwel mandat li kien miċħud stante illi Regolament EU 1215/2012 ma jagħti ebda rimedju kontra ċaħda *ab inintio* ta' eżekuzzjoni *ai termini* tar-Regolament. Jgħid li tali sitwazzjoni tirrifletti l-jedd awtomatiku tal-appellant li jipproċedi għall-eżekuzzjoni tal-liġi Ewropea. Jgħid illi Artikolu 56A tal-Kap. 583 jilledi pależament ir-Regolament 1215/2012 meta u li t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat ma kellhiex tiġi miċħuda b'applikazzjonim ta' Artikolu 56A.

34. Il-Qorti fliet id-digriet appellat u mkien ma sabet illi huwa msejjes fuq Artikolu 56A. L-Ewwel Qorti immotivat id-digriet appellat billi sostniet illi *una volta* r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ġie miċħud għal raġunijiet sostantivi, allura l-appellant kellu qabel xejn jintavola proċeduri sabiex tali digriet ta' rifjut jiġi revokat. Ma jidhirx li meta din il-Qorti ser tasal sabiex tiddeċiedi dan l-aggravju ser ikun hemm ħtieġa ta' interpretazzjoni tal-Liġi Ewropea.

35. Fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jirreferi għal dik il-parti tal-motivazzjoni fil-provvediment appellat fejn l-Ewwel Qorti għamlet tagħha konsiderazzjoni tal-Qorti fi proċeduri simili u ċjoè illi "il-korrettezza kienet titlob illi qabel ma jitlob il-hrug tal-mandat tallum, kellu jgharraf lill-qorti li quddiemu saret it-tieni talba ghall-hrug tal-mandat, illi l-ewwel talba ghall-

hrug ta' dak il-mandat kienet giet michuda." Jilmenta l-appellant illi din hija konsiderazzjoni żbaljata għaliex id-digriet taċ-ċaħda ma huwiex ġudikat għall-partijiet, la huwa finali u lanqas definittiv. Jgħid li ma hemm xejn fil-liġi nostrana li titfa' obbligu li l-Ewwel Qorti tkun informata biċ-ċaħda preċedenti ladarba ma jikkostitwixxiex ġudikat. Ikompli jelabora fuq dan it-tielet aggravju: "Illi in oltre, ma hemm xejn fil-liġi nostrana illi timponi obbligazzjoni fuq kreditur eżekutant li, fl-eventwalità illi jitlob għall-hrug ta' mandat ezekuttiv u dan jigi michud, u jerga' jittenta ezekuzzjoni ohra, irid jindika illi kien hemm digriet precedenti. Fil-ligi nostrana effettivament l-ligi lanqas biss ghandha provvediment biex tirregola c-cahda *ab intio* ta' hrug ta' mandat ezekuttiv."

Huwa evidenti għall-Qorti illi għad-deċiżjoni ta' dan l-aggravju ma hemm l-ebda ħtieġa ta' interpretazzjoni tal-liġi Ewropea.

36. Fir-raba aggravju jgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta għamlet id-distinzjoni bejn rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv miċħud għal raġunijiet proċedurali u r-rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv miċħud għal raġuniijet sostantivi. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi toħroġ din id-distinzjoni. Jgħid illi dan in-nuqqas huwa riżultat tal-fatt illi ma teżisti l-ebda dispożizzjoni tal-liġi li tagħmel din id-distinzjoni u li għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi.

37. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi sabiex tiddeċiedi r-raba' aggravju l-ebda interpretazzjoni tal-liġi Ewropea ma hie meħtieġa. Fi kliem l-appellant stess ma hemm l-ebda dispożizzjoni tal-liġi nostrana li tagħmel tali distinzjoni. It-talba għal rinviju referibbli għal dan l-aggravju hija għalhekk miċħuda.

38. Permezz tal-ħames aggravju l-appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti fid-digriet appellat l-ewwel qieset illi mhux kompitu tagħha li tindaga dwar il-validità *o meno* tad-digrieti taċ-ċaħda tal-ħruġ tal-mandat u fl-istess ħin għamlet tagħha l-konsiderazzjoni illi bid-digriet sussegwenti li laqa' l-ħruġ tal-mandat inħolqot sitwazzjoni fejn hemm żewġ deċiżjonijiet abbażi tal-istess titolu li huma konfliġġenti għal xulxin. Jgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti qieset id-digrieti taċ-ċaħda bħala digrieti validi. F'dan il-ħames aggravju l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi tenut kont li skont l-appellant id-digrieti tad-19 ta' Lulju, 2023 u tas-26 ta' Lulju, 2023 kienu nulli, allura l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkunsidrahom bħala validi. Jgħid illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-Artikolu 281 (1) tal-Kap. 12

39. Mod ieħor, f'dan il-ħames aggravju l-appellant qiegħed essenzjalment iressaq il-pretensjoni illi ladarba skont hu d-digrieti preċedenti li ċaħdu t-talba għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv huma nulli,

allura l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra t-talba tiegħu daqslikieku dawk iż-żewġ digrieti ta' ċaħda ma kinux jeżistu.

40. Kif taraha din il-Qorti, dak li għandu jkun deċiż f'dan l-appell huwa jekk digriet ta' ċaħda għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv għal raġuni sostantiva jwaqqafx lill-parti sokkombenti fiċ-ċaħda li jressaq talba identika oħra mingħajr qabel ma jieħu passi sabiex id-digriet taċ-ċaħda jkun revokat. L-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda referenza għal-liġi Ewropeja fil-konsiderazzjonijiet tagħha. L-appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin in sostenn tal-argument tiegħu illi l-ewwel ċaħda ma kinitx ta' ostakolu sabiex l-Ewwel Qorti tilqa' talba tiegħu kif fil-fatt għamlet, u mbagħad kienet revokata permezz tal-provvediment hawn appellat. Jgħid li l-Ewwel Qorti messha ħadet qies tal-liġi Ewropea kif ukoll dik nostrana dwar is-supremazija li tikkaratterizza l-Liġi tal-Unjoni u li allura kellha tinjora d-digriet taċ-ċaħda.

41. Sabiex din il-Qorti tiddeċiedi jekk għandux raġun l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tinjora d-digrieti taċ-ċaħda mogħtija minn dik il-Qorti diversament presjeduta, din il-Qorti ma teħtieġ l-ebda rinviju għall-interpretazzjoni tal-liġi Ewropeja. <u>L-ebda rinviju ma hu konsentit sabiex il-QĠUE tintalab tiddeċiedi jekk qorti nazzjonali għandhiex tinjora digriet ta' qorti nazzjonali oħra</u>. Dik mhix materja ta' interpretazzjoni ta' liġi

Ewropea; iżda materja ta' liġi nazzjonali. Għalhekk anke fir-rigward tal-ħames aggravju t-talba għar-rinviju qed tkun miċħuda.

42. Fis-sitt aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi fid-digriet appellat l-Ewwel Qorti applikat Artikolu 281 tal-Kap. 12 b'mod żbaljat u kontra l-ġurisprudenza tagħha stess. Jgħid illi l-uniku eżerċizzju li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kien li tara li r-rekwiżiti kollha għall-ħruġ tal-mandat kienu sodisfatti. Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tiċċensura d-digrieti taċ-ċaħda u mhux tiċċensura lill-appellant. Jgħid illi l-Ewwel Qorti kellha tissana dak li sar b'mod żbaljat u kontra l-liġi Ewropea mill-Qorti.

43. Fir-rigward ta' dan is-sitt u l-aħħar aggravju, jekk hux fondat jew le għad irid jiġi deċiż fis-sentenza għal dan l-appell. Però fil-fehma tal-Qorti għad-deċiżjoni tiegħu ma hemmx il-ħtieġa ta' interpretazzjoni tal-liġi Ewropea li qed jara l-appellant. Jekk tasar dan l-aggravju, l-appellant qiegħed essenzjalment jerġa' jressaq l-ilment li l-Ewwel Qorti kellha tinjora d-digrieti taċ-ċaħda daqslikieku ma jeżistux. Kif ġia kkunsidrat *supra*, ma hux konsentit rinviju lill-QĠUE sabiex tiddeċiedi jekk Qorti nazzjonali għandhiex tinjora digriet mogħti minn Qorti nazzjonali diversament presjeduta. Għalhekk anke fir-rigward tas-sitt u l-aħħar aggravju t-talba għar-rinviju qed tiġi miċħuda.

***Decide.***

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors tal-appellant tal-14 ta' Novembru, 2023 billi:

1. Tiċħad it-talba għar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja għal deċiżjoni preliminari peress li qed issib illi sabiex tiddeċiedi l-appell mertu ta' dawn il-proċeduri ma hux meħtieġ li tagħmel interpretazzjoni tal-Liġi Ewropea.

2. Spejjeż ta' dan l-episodju a karigu tal-appellant Bernhard Trattnig.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Giovanni Grixti<br>Imħallef | Ian Spiteri Bailey<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm